# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' April tas-sena 2002.**

**Numru 5**

**Avviz numru 143/02/SM**

**John Bonello ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' civili Pricewaterhouse Coopers.**

**vs**

**Henry Peresso**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef lira Maltin, (LM4,000.00,0), mhallsa akkont tat-trasferiment ta' l-avvjament tan-negozju Peresso Printing Press skond l-iskrittura privata ffirmata f'Dicembru 1998 (kopja annessa Dok. A) liema trasferiment fil-fatt ma sehhx;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-ahhar ta' Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali**

**datata 8 ta' Novembru, 2001 kontra tieghu, ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 t'April tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**